MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 27/2011

**Joseph Cauchi
ID-602057(M)**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija, Kunsill Lokali Qormi u b'digriet datat 3 ta' Gunju 2011, gie kjamat in kawza Elton Cauchi (ID-434491M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenuti jew minnhom ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf, erba' mija u tnejn u ghoxrin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1,422.58c) rapprezentanti din is-somma danni kkagunati minnhom jew min minnhom fuq il-vettura ta' l-attur Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni "Galaxy E" li kienet misjuqa minn Elton Cauchi. Nhar is-6 ta' Lulju, 2010 fl-10:00pm, b'negligenza u mperizja l-konvenuti poggew *barrier* fi Triq

il-Vitorja, Qormi minghajr sinjalazzjoni u dawl adegwat bil-konsegwenza illi s-sewwieq Elton Cauchi ma setax jevitaha.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.
Ra r-risposta tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija, li permezz taghha eccepixxa illi (1) preliminarjament u minghajr pregudizzju, jinghad illi l-Avukat Generali gie notifikat b'dan l-Avviz nhar id-dsatax (19) ta' Mejju, 2011, u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-perjodu ta' zmien ghar-risposta ghandu jibda jiddekorri minn meta n-notifika tkun saret kemm lid-Dipartiment kif ukoll lill-Avukat Generali. (2) Illi dejjem minghajr pregudizzju, l-intimat jitlob il-kjamat in kawza ta' Elton Cauchi (KI-434491M) ta' 28, Paradise, Triq id-Drama, Qormi, u dan peress illi kien hu l-persuna li kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni *'Galaxy E'* fil-mument ta' l-incident u ghalhekk kien il-persuna li kkawza d-dannu. (3) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimat jeccepixxi illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, kif ser jigi muri tul is-smiegh tal-kawza, u ghalhekk ghandhom jigu michuda fl-interita' taghhom, bl-ispejjez kontra l-istess attur. (4) B'riserva ghal eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ra li l-Kunsill konvenut, ghalkemm debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-Kunsill konvenut, jew ahjar rapprezentant tieghu, naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza Elton Cauchi, li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tieghu u kwindi m'ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri u dan ghaliex l-incident *de quo* sehh tort unikament tal-konvenuti jew min minnhom u dan ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.
Ikkunsidra,

Illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-vettura tal-ghamla Renault bin-numru ta' registrazzjoni 'Galaxy E'; illi fis-6 ta' Lulju, 2010, waqt illi t-tifel tieghu Elton Cauchi kien qed isuq din il-vettura fi Triq il-Vitorja, Hal Qormi sab *barrier* fin-nofs tat-triq u habat fiha, bil-konsegwenza illi din inqalbet ghal fuq il-karozza misjuqa minn iben l-attur, u kkawzat hsara fil-bonnet, saqaf, u pilastru tal-istess karozza. Illi iben l-attur isostni illi ma kien hemm ebda sinjal x'jindika il-presenza ta' din il-barrier, fis-sens illi ma kien hemm ebda sinjal fuqha, bhal per ezempju *reflector* jew dawl, u kien ghalhekk illi ma rahix. Illi lanqas ma kien hemm persuna ma' din il-*barrier*, ghalkemm wara l-habta mar Ufficjal tal-Pulizija hdejn l-attur li informah li kien qieghed stazzjonat ma' din il-*barrier* u xi ohrajn fil-vicinanzi.

Illi dan l-Ufficjal tal-Pulizija kien gie stazzjonat f'dawn l-inhawi sabiex jirregola t-traffiku li kien ghaddej minn dawn it-toroq specifici, u cioe' Triq il-Vitorja u Triq Zinzel, f'Hal Qormi peress illi partijiet minn dawn it-toroq jinghalqu f'dan il-jum minhabba attivita' socjali, u aktar specifikament ghaliex isir pageant qrib il-Knisja ta' San Bastjan. Illi kif spjega l-istess Ufficjal tal-Pulizija, xogholu jkun li jaccerta illi ma jghaddux vetturi minn dik il-parti tat-triq fejn ikun hemm il-*barrier*, oltre illi jidderigi dawk il-vetturi li jkunu pparkeggjati f'dawn it-toroq li jkunu nghalqu ghat-traffiku, sabiex johorgu minn din it-triq.

Illi fil-hin meta sehh l-incident mertu ta' din il-kawza, l-Ufficjal tal-Pulizija koncernat ma kienx qrib il-*barrier* in kwistjoni, ghaliex kien qieghed f'parti ohra tat-triq, izda hekk kif sema' l-hoss tad-daqqa, mar sabiex jivverifika dwar dak li kien gara, u wara li ra li l-attur ma kienx wegga', issuggerilu li jmur jaghmel rapport l-Ghassa dwar l-akkadut.

Illi kif spjega is-Supretendent Lawrence Cutajar, il-*barrier* in kwistjoni jitpogga f'din il-parti tat-triq ghaliex it-triq hija fid-dritt u hija mdawwla wkoll. Illi kemm ilu stazzjonat f'din il-lokalita', l-istess xhud iddikjara illi ma jafx li qatt sehh incident simili ghal dan.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet ma jirrizultax b'mod inekwivoku min mill-konvenuti qieghed dawn il-*barriers* fit-triq fejn sehh l-incident mertu ta' din il-kawza; madanakollu, irrizulta illi kien hemm Ufficjal tal-Pulizija li kien stazzjonat fl-inhawi sabiex jirregola t-traffiku.

Illi ma giex ikkontestat mill-konvenuti illi ma kien hemm ebda sinjal fuq dan il-*barrier* – bhal m'huwa dawl jew *reflector* – li jindika specifikament il-presenza tieghu; madanakollu, it-triq fejn kien posizzjonat dan il-*barrier* kien f'parti tat-triq li hija fid-dritt, u li tiftah f'zewg toroq, u hija mdawwla bid-dwal tat-triq. Illi oltre dan, jidher li dan il-*barrier* tqieghed f'din it-triq minhabba l-fatt illi kien hemm attivita' qrib il-Knisja ta' San Bastjan, liema attivita' hija celebrazzjoni annwali. Illi ghalhekk huwa mistenni illi persuni li jghixu f'din il-lokalita' jkunu jafu b'din l-attivita'.

Illi rrizulta wkoll illi dan il-*barrier* tpogga fil-post ghal ghan specifiku u ghal perjodu ta' hin limitat, in kwantu tpogga fil-post ghal diversi sieghat minhabba din l-attivita'; illi ghalhekk din il-*barrier* tpoggiet fil-post temporanjament.

Illi l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq il-fatt illi kien hemm negligenza u traskuragni da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, meta huma poggew *barriers* fit-triq in kwistjoni minghajr ma wahhlu xi sinjal ma' tali *barrier* sabiex ikun aktar vizibbli.

Illi l-Artikolu 33 tal-Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi; "...*l-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali jkunu (a) li jipprovdi biex tinzamm fi stat tajjeb u ghall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew moghdija, li ma tkunx proprjeta' privata; ... (d) li jipprovdi u jzomm fi stat tajjeb sinjali tat-toroq u marki tat-toroq xierqa, skond livelli nazzjonali u*

*internazzjonali...”.* Illi minn qari ta’ dan il-provvediment tal-ligi jirrizulta illi r-responsabilita’ tal-Kunsilli Lokali testendi ghaz-zamma u manutenzjoni ta’ dawk is-sinjali tat-traffiku u *street furniture* li jitwahhlu u jitqieghdu minnha, jew minn Transport Malta, fil-lokalita’ koncernata, sabiex jirregolaw it-traffiku. Illi tali provvediment tal-Ligi ma jidhirx illi jestendi ghal tqeghid ta’ *barriers*, bhal ma tpogga f’dan il-kaz, minhabba xi funzjoni jew attivita’ partikolari, izda jidher li jittratta aktar dwar sinjali li jigu mqieghda b’mod aktar permanenti.  Illi fi kwalunkwe kaz, jidher illi tali *barrier* gie mqieghed mill-Kummissarju konvenut, ghaliex dan tal-ahhar ma qajjem ebda eccezzjoni illi mhux il-legittimu kontradittur ghaliex tali *barrier* ma giex imqieghed minnu, oltre illi rrizulta illi kien hemm Ufficjal tal-Pulizija stazzjonat fl-inhawi fejn kien hemm dan il-*barrier*, precizament sabiex jirregola t-traffiku fl-inhawi.

Illi in bazi ghal tali fatturi, u minkejja l-fatt illi l-Kunsill konvenut ma kkontestax l-azzjoni rivolta fil-konfront tieghu, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jillibera lill-Kunsill konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, ghaliex ma jidhirx illi hemm ebda ness bejn l-akkadut u xi azzjoni li seta’ ha, jew naqas li jiehu, l-istess Kunsill konvenut.

Illi f’dak li jirrigwarda r-responsabilita’ tal-Kummissarju konvenut u / jew tal-kjamat in kawza ghall-akkadut, it-Tribunal ser iqis is-segwenti fatturi:  Illi kif gie spjegat mir-rapprezentant tal-Kummissarju konvenut, il-*barrier* in kwistjoni gie mqieghed f’parti tat-triq fejn il-vizwali ghall-utenti ta’ din l-istess triq hija tajba, in kwantu tqieghed f’parti tat-triq li hija fid-dritt u li kienet imdawwla mid-dwal tat-triq. Illi lanqas ma gie kkontestat, madanakollu, illi ma kien hemm ebda sinjal imwahhal specifikament mal-*barrier*, ghalkemm kien hemm l-Ufficjal tal-Pulizija li kien qieghed fil-vicinanzi specifikament sabiex jirregola t-traffiku fl-inhawi.  Illi t-Tribunal iqis li huwa rilevanti wkoll il-posizzjoni li fiha spiccat il-*barrier* in kwistjoni wara li habat fiha l-kjamat in kawza, li kien qed isuq il-vettura tal-attur. Illi tali *barrier* spiccat fuq il-vettura proprjeta’ tal-attur, li jwassal lit-Tribunal ghall-konkluzjoni illi s-sewwieq tal-vettura laqat il-*barrier* b’certu sahha u velocita’, ghaliex altrimenti kien semplicement jahbat fiha u jwaqqahha mal-

art. Illi ghalkemm il-kjamat in kawza fl-ebda waqt ma ddikjara b'liema velocita' kien qed isuq il-vettura proprjeta' tal-attur, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kjamat in kawza seta' kien ghaddej b'velocita' gholja, jew altrimenti, li ma kienx qed jippresta attenzjoni sufficjenti ghal dak li kien hemm fit-triq li kien ghaddej minnha.
Illi in bazi ghal tali kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kawza principali li wasslet sabiex sehh dan l-incident kienet it-traskuragni u negligenza fis-sewqan da parti tal-kjamat in kawza, kif ukoll, *in parte*, minhabba n-nuqqas ta' senjalazzjoni adegwata mal-*barrier* da parti tal-Kummissarju konvenut, li kien responsabbli mit-tqeghid taghha fit-triq. Illi ghalhekk, ir-responsabilita' ghal dan l-incident qed jigi apporzjonat in kwantu ghal terz (1/3) fil-konfront tal-Kummissarju konvenut, u in kwantu ghal zewg-terzi (2/3) fil-konfront tal-kjamat in kawza.

Illi dwar id-danni reklamati mill-attur, li jammontaw ghal elf erba' mija tnejn u ghoxrin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1,422.58c), xehdu l-panel beater u spray painter li kkonfermaw li wettqu t-tiswija fuq il-vettura in kwistjoni u li thallsu mill-attur ghax-xoghol li wettqu, li kumpessivament jammontaw ghal seba' mija sebgha u ghoxrin ewro u hamsa u sittin centezmu (€727.65c), u dan kif jirrizulta mid-dokumenti a fol.27 u 28 tal-atti. Illi dwar il-parts, li taghhom giet rilaxxjata stima – li kopja taghha tinsab a fol.31 tal-atti – ir-rapprezentant tad-ditta ma setax jikkonferma illi fil-fatt dawk il-parts inxtraw, ghaliex kienet stima u kienet ilha ftit taz-zmien li nharget. Illi lanqas il-panel beater – Victor Hili – li wettaq it-tiswija fuq il-vettura, ma ddikjara illi uza jew irrimpjazza xi parts li xtralu l-attur, izda xehed biss illi wettaq tiswija tal-vettura. Illi ghalhekk, u gialadarba jidher illi l-vettura tal-attur giet msewwija, u ma gietx ipprezentata minnu ricevuta li turi li xtara l-parts rizultanti mill-imsemmija stima, allura t-Tribunal ma jidhirlux illi ghandu jakkolji t-talba tal-attur ghall-hlas ta' dawn il-parts.

Ghaldqstant, filwaqt illi t-Tribunal jillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' seba' mija sebgha u ghoxrin ewro u hamsa u sittin centezmu (€727.65c), ser jghaddi sabiex jikkundanna lill-Kummissarju konvenut ihallas mitejn tnejn

u erbghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€242.55c), filwaqt illi l-kjamat in kawza ghandu jhallas ir-rimanenti erba' mija hamsa u tmenin Euro u ghaxar centezmi (€485.10c).

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jillibera lill-konvenut Kunsill Lokali Qormi mill-osservanza tal-gudizzju, u jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija u l-kjamat in kawza Elton Cauchi, jikkundanna lill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija jhallas lill-attur is-somma ta' mitejn tnejn u erbghin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€242.55c), filwaqt illi l-kjamat in kawza Elton Cauchi ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' erba' mija hamsa u tmenin Euro u ghaxar centezmi (€485.10c), bl-imghax mid-data tan-notifika rispettiva lill-Kummissarju konvenut u lill-kjamat in kawza bl-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal terz (1/3) mill-konvenut Kummissarju tal-Pulizija u in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-kjamat in kawza Elton Cauchi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------